FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2002**

**Numru 29**

**Avviz. numru 932/02JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Game Invest Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-11 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hames liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm305.61), in kwantu ghal mitejn u hamsa u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm265.75) Royalty, u in kwantu ghal disgha u tletin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm39.86) Taxxa fuq il-Valur**

**Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010761 (Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Snooker Hall, ghall-perjodu mis-6 ta' Dicembru, 2001 sal-5 ta' Dicembru, 2002;**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u hames liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm305.61) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Dicembru, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-28 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**